MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2008

Numru. 744/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH MERCIECA**
**SPETTUR JESMOND MICALLEF**

**KONTRA**

**PAUL ZAMMIT**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Paul Zammit ta’ 53 sena, bin Carmel u Josephine nee’ Bianco, mwieled nhar it- 2 ta’ Jannar 1955, u residenti fil-

fond 104, Roumaron, Triq Antonio Muscat Fenech, Qormi, detentur ta' Karta tal-Identita' bin-numru 55955(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:
Fl- 1 ta' Awwissu 2008 ghall habta tal- 10.30am fl- Ghassa tal- Pulizija tal- Qawra fit- Triq it- Turisti, Qawra, limiti ta' San Pawl il- Bahar,
1) Bil- hsieb li jaghmel hsara lil xi persuni, u cioe' lill- Geoffrey Cassar, detentur ta' karta tal- identita' nru. 258584M u lil Francis Cuschieri, detentur tal- karta tal- identita' nru 388070M, akkuza lill- istess persuni quddiem awtorita' kompetenti b'reat ta' misapproprjazzjoni ai terminu tal- Artikolu 293 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta, filwaqt li kien jaf li dawk il- persuni huma innocenti
2) Iddenunzja lill- Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil- qere holoq tracci ta' reat b'mod li setghu jindbew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir- reat kien sar.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat li l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi;

**Ikkunsidrat:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 101(1)(b) u 110(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------